MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru 557/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**VS**
**EMMANUEL (EMMANUEL-GERALD) SAID**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emmanuel (Emmanuel-Gerald) Said, ta’ 44 sena, iben Francis Xavier u Ersilia nee’ Zammit imwieled H’Attard nhar l-10 ta’ Settembru 1965, residenti Flat No: 1, ‘Oakhill’, Triq is-Sur Fons, San Giljan u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 460065(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar id-29 u 30 ta’ April, 2010, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, gewwa Triq il-Karmelitani, San Giljan, volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura ta’ l-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni KAK 913 ghad-dannu ta’ JS Car Hire jew persuni ohra, u kif ukoll vettura ohra ta’ l-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni EBJ 559 ghad-dannu ta’ Sir Martin Laing liema hsara ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:
Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Emmanuel (Emmanuel-Gerald) Said**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 325 (b) tal-Kap. 9 u Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lil imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, l-fatt li l-imputat hallas ghal hsarat li wettaq, il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li kien l-imputat li ta ruhu b’idejh lil pulizija.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------